MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1542/1999/1

**Yose' BUTTIĠIEĠ għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' Arcidiacono Mfg. Co. Ltd.**

**vs**

**Victor BEŻŻINA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-30 ta' Ġunju, 1999, bil-proċedura sommarja speċjali li bih l-attur *nomine* ippremetta;

Illi l-attur nomine huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' elf u ħamsa u tletin Lira Maltin (Lm1,035) rappreżentanti

din is-somma prezz ta' merkanzija lilu mibjugħa u kkonsenjata;

Illi d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut;

Illi l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet validi x'jagħti in kontro-trattazzjoni għat-talbiet attriċi u għalhekk jeżistu ċ-ċirkostanzi kontemplati fl-artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

I. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur ta' l-artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

II. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur nomine s-somma ta' elf u ħamsa u tletin Lira Maltin (1,035).

Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenut inġunt in subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur *nomine*, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat id-Degriet tas-6 t'Ottubru, 1999[1], li bih il-Qorti (diversament presjeduta) ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-3 ta' Diċembru, 1999, li bih u fuq talba tal-attur *nomine* bir-rikors tiegħu tal-1 ta' Diċembru, 1999, reġgħet qegħdet il-kawża fuq il-listi tas-smigħ għall-25 ta' Frar, 2000;

Rat in-Nota mressqa fis-6 ta' Marzu, 2000, li biha l-imħarrek eċċepixxa;

1. Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-attur stante li l-merkanzija konsenjata lill-esponenti m'hiex dak pattwit.

[1] Paġ. 10 tal-proċess

2. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess il-prezz ossia bilanċ ta' prezz mitlub m'hiex kollu dovut stante li l-attur inkluda spejjeż ta' xogħol li huwa għamel biex jirrimedja jew jirranġa xogħol tiegħu stess li ma sarx skond kif tirrikjedi s-sengħa u l-arti.

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat id-Degriet tal-14 ta' April, 2000, li bih il-Qorti (diversament presjeduta) ordnat lill-partijiet jissuġġerixxu isem ta' persuna esperta li setgħet tinħatar biex tagħti l-fehma tagħha dwar l-ilment tal-imħarrek;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-5 ta' Marzu, 2001[2], li bih ħatret lil Albert Falzon Santuċċi bħala espert tekniku, liema degriet inbidel "*contrario imperio*" b'ieħor tal-24 ta' Mejju, 2001[3], fejn inħatar il-Perit Michael Anġelo Refalo bħala espert tekniku minflok l-espert oriġinarjament maħtur;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-Perit tekniku Michael Anġelo Refalo fid-19 ta' Novembru, 2003[4], maħlufa minnu kif imiss waqt is-smigħ tal-21 ta' Jannar, 2004;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-4 ta' Marzu, 2004, li fih l-attur iddikjara li kien qiegħed jaċċetta l-konklużjonijiet tal-perit tekniku, filwaqt li l-avukat tal-imħarrek talab li jressaq nota ta' kritika;

Rat illi l-imħarrek naqas li jressaq nota ta' kritika fiż-żmien mogħti u sallum ma għamel l-ebda talba biex il-Qorti tieqaf milli tgħaddi għas-sentenza;

Rat id-Degriet tagħha tal-20 ta' April, 2004, li bih il-Qorti ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

---

[2] Paġ. 26 tal-proċess
[3] Paġġ. 35-6 tal-proċess
[4] Paġġ. 55 sa 92 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għall-ħlas ta' merkanzija mibjugħa. Il-kumpannija attriċi tgħid li biegħet merkanzija lill-imħarrek u dan naqas li jħallasha tagħha. Din il-merkanzija kienet tikkonsisti f'konsenja ta' għamara għal uffiċċju li jikkonsistu f'wieħed u għoxrin (21) biċċa ta' għamla differenti[5]. Minbarra hekk, il-kumpannija attriċi tgħid li l-imħarrek m'għandux raġuni tajba għaliex ma jħallashiex l-ammont li qegħda titlob mingħandu;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi qal li m'għandux iħallas l-ammont mitlub għaliex il-merkanzija ma kinitx skond il-ftehim, billi l-wiċċ tagħha kien jingiref. Żied jgħid li kienet l-istess kumpannija attriċi li aċċettat l-ilmenti tiegħu billi kienet bidlet l-uċuħ tal-għamara, imma b'danakollu mhux talli x-xogħol ġie aħjar imma talli l-uċuħ il-ġodda bdew jitbewqu. Għalhekk ma jridx iħallas għal tali xogħlijiet rimedjali;

Illi ma jidhirx kontestat mill-partijiet li l-<u>fatti ewlenin</u> li joħorġu mill-atti juru li l-imħarrek ordna għamara mingħand il-kumpannija attriċi. Il-qisien ħaduhom impjegati tal-kumpannija attriċi. L-għamara kienet konsenjata f'Novembru tal-1997 u l-imħarrek ħallas elfejn u disa' mitt lira Maltija (Lm 2,900) akkont. Wara xi ftit taż-żmien, l-imħarrek ilmenta li l-uċuħ tal-għamara kienu qegħdin jingirfu bl-użu u Renato Arcidiacono, għall-kumpannija attriċi, kien aċċetta li jaqla' l-uċuħ u jirranġahom. Ġie applikat wiċċ ta' *laminated plastic* li jkun jiflaħ għad-daqqiet. Ta' dan ix-xogħol, il-kumpannija attriċi qegħda tippretendi ħlas ta' mitejn u għoxrin lira Maltija (Lm 220)[6]. Jidher li dan ix-xogħol, flimkien ma' xogħlijiet oħrajn li jissemmew hawn taħt, sar għall-ħabta ta' Mejju tal-1998;

---

[5] Dok "RA1", f'paġ. 73 tal-proċess
[6] Dok "RA2", f'paġ. 74 tal-proċess

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt, jibda biex jingħad li l-imħarrek jgħid li huwa kien lest iħallas lill-kumpannija l-bilanċ tal-ordni oriġinali jekk kemm-il darba x-xogħol konsenjat jiġi sewwa. Ta' min jgħid ukoll li, minbarra x-xogħlijiet oriġinali, l-kumpannija attriċi jirriżulta li kienet ikkonsenjat, fuq talba tal-imħarrek, xkaffa u għadd ta' strixxi tal-ballut għar-rifinitura tal-ħitan tal-uffiċċju tiegħu;

Illi l-imħarrek jilqa' għall-pretensjoni attriċi billi jgħid li x-xogħol lilu mibjugħ għandu difetti. Il-perit tekniku maħtur mill-Qorti ikkostata li l-imħarrek jilmenta minn uħud mill-uċuħ tal-għamara mibjugħa, u b'mod partikolari għaliex jgħid li, kontra dak li seħaq ħafna dwaru qabel ma sar il-ftehim, l-imsemmija wċuħ kienu jingirfu meta jintlaqtu bi ħwejjeġ ebsin. Irriżulta lill-imsemmi perit li l-imħarrek kien għamilha abbundantement ċar lir-rappreżentant tal-kumpannija attriċi li l-uċuħ tal-armadji u tal-iskrivanija riedu jkunu b'saħħithom biżżejjed biex jifilħu għal daqqiet u ma jingirfux. Kemm hu hekk, meta l-imħarrek ilmenta ftit jiem wara li saret il-konsenja li l-uċuħ kienu qegħdin jixxellfu, il-kumpannija attriċi aċċettat li taqla' l-uċuħ u tibdilhom;

Illi madankollu, huwa mgħallem ukoll li jekk min iqabbad lil xiħadd biex jagħmillu xiħaġa jallega li x-xogħol konsenjat kien xogħol ħażin, u jirriżulta li fil-fatt ix-xogħol ikun fih xi nuqqasijiet, dan ma jkunx fih innifsu biżżejjed biex il-Qorti tasal biex tikkundanna lil min ikun ta dak ix-xogħol biex iħallas danni lil min qabbdu[7]. Minbarra dan, meta d-difetti ma jkunux meqjusa bħala sostanzjali, l-appaltatur jew min ibiegħ il-ħaġa ma jistax jitqies li kien inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jsewwi d-difetti jew, fin-nuqqas, li jaċċetta tnaqqis fil-ħlas dovut[8];

Illi l-perit tekniku ikkostata[9] bħala fatt li (a) il-wiċċ laminat tal-iskrivanija huwa mmewweġ; (b) li fl-istess wiċċ tidher ġonta; (ċ) li fl-istess wiċċ hemm żewġ tixlifiet (*chippings*);

---

[7] App. Kumm. **11.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Bartolo*** (Kollez. Vol: **XLII.i.699**)
[8] P.A. MCC **9.4.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et*** (mhix pubblikata)
[9] Par 46 tar-relazzjoni, f'paġ. 70 tal-proċess

u (d) li hemm ukoll daqqiet fil-bastun tan-naħa ta' barra tal-iskrivanija, iżda li dwaru l-imħarrek qatt ma ressaq ilment. Dawn in-nuqqasijiet riskontrati mill-perit ma wasslux biex iqis li l-ftehim mal-imħarrek ma twettaqx, imma wassluh biex jgħid li kienu nuqqasijiet li ma ġabux fix-xejn in-negozju milħuq iżda li tagħhom il-kumpannija attriċi trid tbati l-konsegwenzi;

Illi r-raġunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq mill-imsemmi perit jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqgħod fuqu għaliex, għalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux[10]. Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha[11], madankollu l-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli[12];

Illi dan jiżdied jingħad b'aktar enfasi ladarba l-imħarrek ma għamel xejn biex jikkonvinċi lill-Qorti li m'għandhiex toqgħod fuq is-sejbiet tal-perit tekniku maħtur minnha;

Illi fil-każ preżenti l-appalt li ngħata mill-imħarrek lill-kumpannija attriċi kien wieħed fejn l-appaltatur iwettaq mhux biss ix-xogħol bil-ħila u s-sengħa, imma kien ukoll marbut li jipprovdi l-materjal[13]. Id-duttrina[14] u għadd ta' deċiżjonijiet tal-qrati xebbhu arranġament bħal dan mal-kuntratt ta' bejgħ iżjed milli mal-appalt[15]. Għall-finijiet ta' dan il-każ, is-siwi ta' din id-distinzjoni joħroġ mill-fatt li l-

---

[10] App. Ċiv. **9.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Benjamin Camilleri vs Carmel Debattista et***

[11] Art. 681 tal-Kap 12

[12] App. Ċiv. **23.6.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja et vs Muscat et*** (Kollez. Vol: **LI.i.389**)

[13] Art. 1633 tal-Kap 16

[14] Baudry-Lacantinerie *Del Contratto di Locazione* , Vol II, paġ. 260 ff.

[15] Ara, per eżempju, Kumm. **22.3.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Dougall vs Camilleri*** (Kollez. Vol: **XXXIV.iii.789**) u App. Kumm. **1.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia vs Camilleri noe*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.198**)

kumpannija attriċi qegħda tibbaża l-azzjoni tagħha fuq il-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' merkanzija mibjugħa, u mill-fatt ukoll li l-imħarrek qiegħed jirrifjuta li jħallas il-bilanċ mitlub għaliex qiegħed jgħid li l-kumpannija attriċi naqset milli tbiegħ l-oġġett skond kif kien miftiehem;

Illi għar-raġunijiet li ssemmew aktar qabel, u wkoll minħabba l-fatt li l-imħarrek jidher li uża u baqa' juża l-għamara konsenjata lilu mill-kumpannija attriċi, ma jidhirx li jista' jingħad li l-kumpannija attriċi naqset li twettaq għal kollox l-obbligi kuntrattwali tagħha. In-nuqqasijiet li sab il-perit m'humiex ta' għamla u entita' tali li jġibu fix-xejn il-kuntratt. Lanqas ma huwa l-każ li l-kumpannija attriċi tiġi ordnata tagħmel it-tiswijiet meħtieġa, għaliex irriżulta waqt is-smigħ li l-istess kumpannija m'għadhiex teżerċita n-negozju tal-fabbrikazzjoni tal-għamara;

Illi ntwera kif l-ilment tal-imħarrek kien mistħoqq u aċċettat ukoll mill-kumpannija attriċi. Ma huwiex xieraq u leċitu li l-kumpannija attriċi issa tippretendi ħlas ukoll ta' xogħol rimedjali li hija aċċettat li tagħmel dwar l-ilment tal-imħarrek. Għalhekk, il-Qorti ma ssib l-ebda diffikulta' li tgħid li l-ammont ta' mitejn u għoxrin lira Maltin (Lm 220) li l-kumpannija attriċi qegħda tippretendi mingħand l-imħarrek bħala parti mill-bilanċ sħiħ mitlub fit-tieni talba attriċi m'għandux jitħallas mill-istess imħarrek;

Illi, madankollu, dan li għadu kemm ingħad ma japplikax għall-bqija tal-prezz li għadu dovut, għaliex mhux biss l-imħarrek ma ressaq l-ebda lment dwar ix-xogħol l-ieħor, imma lanqas irriżulta lill-perit tekniku li tali xogħol kien difettuż;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba** u dan fid-dawl tad-degriet li ngħata fil-25 ta' Frar, 2000;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** limitatament għall-ammont ta' tmien mija u ħmistax-il lira Maltija (Lm 815), rappreżentanti l-ammont mistħoqq dovut lill-attur *nomine* bħala prezz ta' għamara mibjugħa u konsenjata lill-

imħarrek, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li jgħaddu mit-30 ta’ Ġunju, 1999, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad fis-sustanza l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek** ħlief dwar it-tnaqqis fl-ammont mitlub mill-attur *nomine*; u

Fiċ-ċirkostanzi, tordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal waħda minn ħames partijiet ($^{1}/_{5}$) mill-attur *nomine* u l-erbgħa mill-ħames partijiet ($^{4}/_{5}$) li jifdal mill-imħarrek.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------